Intant, il-biki u l-ilfiq u l-għali tal-poeta tagħna għal bintu ma jiswewlux biex jerġa' jagħtiha l-ħajja kif kieku jixtieq, u lanqas ma jifirrutawlu t-tamiet li jkun bena u fassal fil-ħolma msaħħra ta' frugħatu.

"Kont inħobbok tassew u ħlift li mħabbti
nissokta nkattar, kull ma jmur, għalik :
ħlift li nagħmel minn kollox għall-ġid tiegħek,
għax l-isbaħ tamiet tiegħi kienu fik.
Imma d-dejr ta' tamieti u ta' xewqati
sibt li bnejtu fir-ramel :
hu ġġarraf minnufih
ma' l-ewwel żiffa riħ :
u jiena bqajt fil-ħolma ta' frugħati......"

Hekk jagħlaq u jtemm il-poeżija tiegħu "Binti" Karmenu Vassallo — poeżija li ma tistax ma tibqax għal din u għal kemm-il ġenerazzjoni oħra ta' warajha bħala dokument ħaj ta' fidi sħiħa f'Alla, ta' qima u għożża għaż-żwieġ Nisrani, ta' mħabba u għaqda bejn ir-raġel u martu, u ta' ġibda u ħerqa għan-nieqa fil-kenn u s-sliem tad-dar.

Għalkemm naf li stajt ġbidt inqas fit-tul, naf ukoll li kien baqagħli ħafna xi ngħid fuq dan il-poeta u m'għedtux. Ibda biex, barra miż-żewġ kotba ta' poeżiji "Nirien" u "Kwiekeb ta' Qalbi", Karmenu Vassallo kiteb u ħareġ għad-dawl ukoll ktieb ħafif ta' proża mżewqa jismu "alla taż-żgħażagħ" u ktejjeb ieħor ta' prosodija jismu "Metrika Maltija" li l-Professur Aquilina, fil-"Kelmtejn Qabel" tiegħu, jirrikkmanda bil-qalb lil kull min iħoss ruħu mxejjer lejn il-Għanja Maltija sew bħala kittieb ta' poeżijiet u sew bħala qarrej. Barra minn dawn l-erba' kotba tiegħu, Vassallo qaleb ukoll mill-Ingliż għall-Malti r-rumanz famuż ta' Charles Dickens, "A Tale of Two Cities" — "Ġrajja ta' Żewġt Ibliet". Sadattant lanqas ma heda jikteb xi poeżijiet oħra ġodda li, għall-ġmiel u l-qawwa oriġinali tagħhom, mhux biss ma jagħmlux għajb lil ta' qabilhom, imma aktarx igħadduhom ukoll. "Il-Għanja ta' Poeta tal-Bieraħ", "Issa li......" u "Tifkiriet Tfuliti" li dehru f'*Il-Malti* ma' "Il-Wied taż-Żebbuġ", "Il-Għeneb taz-Zija", "Unknown Island" u oħrajn li dehru f'*Leħen il-Malti*, huma xi wħud minnhom. Fl-istess ħin, eluf ta' semmiegħa kienu semgħuh jaqra minn fuq ir-"Rediffusion" sensiela ta' disa' taħditiet fuq "Il-Malti u Ħajr Ġmielu" u sensiela ta' taħditiet oħra fuq "Is-Salib Imqaddes fl-Arti". Sew il-waħda u kemm l-oħra miż-żewġ sensiliet kienu mhux biss ingħoġbu, imma qanqlu saħansitra lil għadd ta' ammiraturi tiegħu jfissru l-għoġba u l-għaxqa tagħhom f'diversi ġurnali tal-Gżira.



Madankollu, fuq kollox u qabel kollox, kienet u tibqa' l-poeżija tiegħu dik li tagħmel lil Karmenu Vassallo dak li hu, jiġifieri, bħalma kien stqarr u kiteb fl-"Afrique" ta' Frar 1939 ir-rumanzier u kittieb magħruf Franċiż ta' nisel Malti, M. Laurent Ropa, "wieħed minn dawk il-ftit li jogħlew fuq l-oħrajn u li jissejħu *ġenji*". U tabilħaqq, bħalma jżid igħd l-istess awtur, "il-ġmiel tal-poeżija oriġinali tiegħu, u l-ħeġġa tal-għaġeb ta' mħabbtu — dik imħabbtu fejn hemm jaħraq u jixgħel nar ta' xemx li ssibu biss fi ftit erwieħ magħżula — jagħmlu minn Karmenu Vassallo wieħed mill-aqwa poeti ta' żmienna : wieħed mill-aqwa poeti ta' Malta, u mhux ta' Malta biss!"

---

## FURIOSO

### *Ta'* ĠUŻI ABELA

Hsiebi nixxifu il-lejla, naħseb, naħseb.
biex nikteb għanja għalik, Muża Moħbija.
U nibda vers, u ma nkomplihx, nibda ieħor......
u mlejtha bit-tħażiżż l-iskrivanija.

W issa ddejjaqt u ma rridx nikteb aktar.
Dawn kollha sforzi, dan kollu xogħol fieragħ.
Irġajt irbaħtli, Muża ta' qalb kiefra.
Imm'għada, tgħid, se jkun bħal-lum u l-bieraħ?

Għada se nvenven qilla ta' poeta.
Għada noħorġok minn fejn int moħbija.
Għada nikkmanda jien. Nagħtik tagħlima.
U nġagħlek tiżfen fuq l-iskrivanija.